

Is-Sbatax-il Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Ġen 18, 20-32
Salm 137 (138), 1-2a. 2bċ-3. 6-7ab. 7ċ-8
Kol 2, 12-14
Lq 11, 1-13

"Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom.
**Għax min jitlob, jaqla'; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu."**

Naħseb ġieli smajtu l-qawl Malti: "Il-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar." Bih inkunu rridu ngħidu li għalkemm nistgħu ngħidu ħafna ħwejjeġ sbieħ b'fommna, dak li nagħmlu jispikka ferm aktar. Nistgħu ngħidu ħafna drabi li aħna qalbna tajba u li meta jkun hemm xi ħadd fil-bżonn ngħinuh, imma l-akbar xhieda ta' dan mhux kemm ngħidu hekk imma li meta niltaqgħu ma' xi ħadd fil-bżonn nitilqu kollox biex ngħinuh mill-aħjar li nistgħu. L-istess nistgħu nirrepetu ħafna drabi li aħna ħbieb kbar ma' dik jew l-oħra, imma l-ħbiberija tidher meta dik il-persuna tiġi bżonna! "L-eżempju jkaxkar!"

Jgħidu li darba San Franġisk qal lil wieħed mill-aħwa ż-żgħar tal-komunità biex imur miegħu ħalli jmorru jippritkaw f'belt fil-viċin. Dak tgħidx kemm ħassu xxurtjat li Franġisku għażel lilu. U qabdu t-triq lejn il-belt. Imma fit-triq iltaqgħu ma' ħafna persuni fil-bżonn, u Franġisku kull darba kien ixammar il-kmiem biex jgħin. Tant ltaqgħu ma' nies differenti li kellhom bżonn min jgħinhom li sar ħafna ħin u kellhom iduru lura d-dar. Imma ż-żagħżugħ ma setax jifhem u staqsa lil Franġisku kif kienu se jmorru lura mingħajr ma għamlu dak li suppost kellhom jagħmlu, jippritkaw. Imma Franġisku dar lejh u qallu li minn x'ħin telqu mill-kunvent ma kinux waqfu jippritkaw. Kull darba li ħallew triqthom u għenu lil min kien fil-bżonn kienu qed jagħmlu l-isbaħ prietka.

L-Evanġelju tal-lum jurina kemm tassew ikaxkar l-eżempju, mhux biss biex juri x'tip ta' persuni aħna, imma biex anke dawk ta' madwarna jagħmlu l-istess. Is-silta tibda b'Ġesù miġbur għalih jitlob. Din ix-xena tirrepeti ruħha ħafna drabi fl-Evanġelju u allura d-dixxipli kienu ilhom josservaw kif jitlob Ġesù u kemm dan it-talb kien jgħinu. Fl-aħħar wieħed mid-dixxipli ġieh il-kuraġġ li jmur fuq Ġesù biex jgħallmu jitlob. Din ix-xewqa tad-dixxiplu ma ġietx għax Ġesù għamel diskors twil fuq kemm għandna bżonn nitolbu imma għax ra lil Ġesù jitlob. Tassew li hu l-eżempju li jkaxkar!

Aħna wkoll nistgħu nagħtu eżempju li jkaxkar. Nistgħu nibdew mid-dar billi nagħmlu l-parti tagħna. Ejjew nittrattaw lil sħabna bi ħlewwa u b'imħabba. Ejjew ngħinu lil dawk li jkunu fil-bżonn u fuq kollox ejjew ma nħallux li tgħaddi ġurnata li ma nsibux ħin biex nitolbu. Hekk inkunu qed nagħmlu l-parti tagħna bħala dixxipli żgħar ta' Ġesù.



Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

**MISSIERNA, JITQADDES, ISMEK, TIĠI, SALTNATEK, ĦOBŻNA, KULJUM, AGĦTINA, AĦFRILNA, TIĠRIB.**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | M | N | Z | D | P | B | T | I | J |
| J | I | T | Q | A | D | D | E | S | Ġ |
| Ċ | S | Ħ | O | B | Ż | N | A | M | I |
| GĦ | S | A | L | T | N | A | T | E | K |
| A | IE | Ħ | O | I | B | Q | G | K | U |
| GĦ | R | F | X | Ġ | K | W | R | V | L |
| T | N | A | J | I | IE | Ċ | E | M | J |
| I | A | Ħ | F | R | I | L | N | A | U |
| N | E | S | A | F | L | V | GĦ | Ż | M |
| A | M | T | I | Ġ | R | I | B | D | U |



**Talba ta' Bernard Vaughan SJ**

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù kellimna fuq il-qawwa tat-talb imma kultant ikollna nammettu li jgħaddu ġranet sħaħ mingħajr ma nieqfu ftit biex nitkellmu ma' dak li tant iħobbna. Ejjew fil-jiem li ġejjin nagħmlu l-almu kollu tagħna biex ma jgħaddix jum wieħed mingħajr ma nsibu ftit minuti li nieqfu u nitkellmu miegħu. Ejjew noffrulu ftit mill-ħin tagħna ħalli jkun jista' jidħol f'ħajjitna u jagħmel minna nies għal qalbu.

## NOFFRILEK LILI NNIFSI

Sinjur Ġesù, noffrilek lili nnifsi,
dak li jien u dak li għandi;
kollox huwa tiegħek.
Noffrilek ix-xogħol tiegħi
u inti tagħtini l-mistrieħ;
Noffrilek in-niket tiegħi
u inti tagħtini l-faraġ;
Noffrilek it-tentazzjonijiet tiegħi
u inti tagħtini r-rebħa;
Noffrilek it-tbatija tiegħi
u inti tagħtini s-sabar.
Jien nagħtik iż-żmien tiegħi
u inti tagħtini l-eternità.







**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION